

Brussell, 20 ta' April 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0230(COD)

14153/1/20
REV 1 ADD 1

JEUN 137
EDUC 452
EMPL 572
SOC 820
SPORT 52
COHAFA 78
PROCIV 102
COMPET 643
ECOFIN 1165
CADREFIN 463
CODEC 1373
PARLNAT 158

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottat mill-Kunsill fl-20 ta' April 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat proposta għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar [ir-Regolament dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà] u r-Regolament (UE) Nru 375/2014¹.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2019².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018³. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni tiegħu tal-5-6 ta' Diċembru 2018⁴.
4. Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Novembru 2018, il-Kunsill qabel dwar Approċċ Ġenerali Parzjali⁵ dwar il-proposta tal-Kummissjoni li jagħti mandat lill-Presidenza biex tinnegozja mal-Parlament Ewropew. Matul il-proċess tan-negozjati, saru erba' trilogi u ħafna laqgħat fil-livell tekniku, u fl-aħħar intlaħaq qbil ġenerali proviżorju fl-aħħar trilogu fil-11 ta' Diċembru 2020.
5. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test ta' kompromess finali li rriżulta minn dawk it-trilogi⁶. Sussegwentement, it-test intbagħat lill-Parlament Ewropew.

¹ Dok. 9993/1/18 REV 1 + ADD 1-5.

² ĠU L 23, 21.1.2021, p. 218-251

³ EESC-2018-04028-AC

⁴ Dok. 5321/19

⁵ Dok. 14787/18.

⁶ Dok. 13847/20

6. Fil-11 ta' Jannar 2021, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni unanima tiegħu għat-test ta' kompromess finali⁷.

II. OBJETTIV

7. L-objettiv ġenerali tal-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES) 2021-2027 huwa li jsaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja, primarjament il-volontarjat, bħala mezz biex isaħħaħ il-koeżjoni, is-solidarjetà, id-demokrazija, l-identità Ewropea u ċ-ċittadinanza attiva fl-Unjoni u lil hinn minnha, u biex jindirizza l-isfidi tas-soċjetà u dawk umanitarji fuq il-post, b'enfasi partikolari fuq il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs.
8. Il-Programm jistabilixxi żewġ ferġat ta' azzjoni għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, jiġifieri waħda f'attivitajiet ta' solidarjetà u waħda f'attivitajiet ta' għajnuna umanitarja (il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja). L-azzjonijiet appoġġati mill-Programm għaż-żewġ ferġat huma l-volontarjat, il-proġetti ta' solidarjetà, l-attivitajiet ta' networking u l-miżuri ta' kwalità u ta' appoġġ.
9. Il-Programm għandu jappoġġa l-attivitajiet ta' solidarjetà li jippreżentaw valur miżjud Ewropew ċar, pereżempju permezz tan-natura tranżnazzjonali tagħhom; il-kapaċità tagħhom li jikkomplementaw programmi u politiki oħra fil-livelli kollha; id-dimensjoni Ewropea tagħhom fir-rigward tas-suġġetti, l-għanijiet, l-approċċi, l-eżiti mistennija u aspetti oħra; l-approċċ tagħhom fl-involviment taż-żgħażaġh minn ambjenti differenti; jew il-kontribut tagħhom għall-użu effettiv tal-għodod ta' trasparenza u rikonoxximent tal-Unjoni.

⁷<https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/217229/CULT%20Voting%20session%2011%20January%202021%20Results.pdf>

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

10. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tinkorpora kważi l-bidliet kollha għall-proposta tal-Kummissjoni maqbula mill-Kunsill fl-Approċċ Ġenerali Parzjali tiegħu tas-26 ta' Novembru 2018, u b'mod partikolari dan li ġej:
- ir-rekwiżit li l-parteċipanti jkunu legalment residenti f'pajjiż parteċipanti;
 - id-definizzjoni tal-Portal tal-KES;
 - il-possibbiltà li jintuża massimu ta' 20 % tal-baġit għall-attivitajiet ta' volontarjat fil-pajjiż;
 - ir-rieżami ta' nofs it-terminu li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2024;
 - iż-żieda ta' klawnsola dwar miżuri prekawzjonarji u korrettivi biex jiġu salvagwardati l-interessi tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju; u
 - għadd ta' emendi għall-premessi
11. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha wkoll l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġiżlaturi fit-trilogi:

Kwistjonijiet ewlenin

12. Il-Parlament Ewropew kien qajjem tħassib dwar il-governanza tal-programm u r-rwol ristrett tal-Parlament fit-teħid tad-deċiżjonijiet, f'każ li jiġu introdotti inizjattivi ġodda matul il-perijodu ta' programmazzjoni. Il-koleġiżlaturi qablu li jżidu premessa ġdida li tagħmilha ċara li azzjonijiet jew inizjattivi li mhumiex appoġġati taħt dan ir-Regolament ma jistgħux jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma.
13. Il-pakkett finanzjarju maqbul bejn il-koleġiżlaturi huwa ċ-ċifra deċiża mill-Kunsill Ewropew fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, jiġifieri EUR 1 009 miljun. Din iċ-ċifra timplika bejn wieħed u ieħor tnaqqis fil-baġit ta' 20 % meta mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni ta' EUR 1 260 miljun.
14. Fir-rigward tal-ambitu u t-tqassim tal-baġit tal-Programm, ġie miftiehem li titħassar il-fergħa tat-traineeships u l-impjiegi mill-Programm , u li l-baġit korrispondenti (8 %) jiżdied mal-fergħa ta' solidarjetà, li mbagħad ser tirċievi 94 % tal-baġit. Is-6 % li jifdal mill-baġit ser jiġu allokati għall-fergħa tal-ġhajjnuna umanitarja.
15. Għalkemm il-KES huwa fundamentalment programm ta' inklużjoni, żdied artikolu ġdid dwar l-Inklużjoni taż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, kif ukoll għadd ta' dispożizzjonijiet oħra li jtejbu l-inklużività tal-Programm, biex jiġi enfasizzat dan l-aspett.

16. Ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni, tal-kopertura u tal-approvazzjoni kienu wkoll kwistjoni importanti matul in-negozjati bejn il-koleġiżlaturi. Bħala riżultat tan-negozjati, u parzjalment fid-dawl tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq il-voluntiera tal-KES, ġew introdotti għadd ta' dispożizzjonijiet f'partijiet differenti tat-test li jtejbu l-assigurazzjoni u l-kopertura tal-parteċipanti, kif ukoll il-kontrolli tas-sigurtà biex jiġu protetti persuni vulnerabbli bħat-tfal.
17. Rigward il-limitu tal-età għall-voluntiera fil-qasam tal-ġhajjnuna umanitarja, it-test iżomm ir-regola ġenerali tal-limiti tal-età ta' 18-30 sena għall-voluntiera kollha, iżda jżid deroga speċifika għall-voluntiera fil-qasam tal-ġhajjnuna umanitarja (limitu massimu tal-età sa 35 sena). Id-dispożizzjonijiet relatati ma' ħarrieġa, mentors u esperti b'esperjenza ġew imsaħħa.
18. Filwaqt li l-Parlament Ewropew kien ippropona emendi estensivi u proposti ta' test addizzjonali għall-fergħa tal-ġhajjnuna umanitarja tal-Programm, il-koleġiżlaturi qablu li jaċċettaw uħud minnhom, filwaqt li jżommu f'moħħhom li minkejja l-karatteristiċi speċifiċi tagħha, il-fergħa tal-ġhajjnuna umanitarja tirrappreżenta biss 6 % tal-Programm. Il-kompromess finali dwar id-dispożizzjonijiet marbuta mal-ġhajjnuna umanitarja fil-Programm huwa bbilanċjat f'dan ir-rigward, u minbarra l-limitu tal-età estiż, il-koleġiżlaturi qablu li jinkludu l-prinċipji ewlenin tal-ġhajjnuna umanitarja, u miżuri ta' salvagwardja msaħħa applikabbli għall-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet relatati mal-ġhajjnuna umanitarja.

Kwistjonijiet oħra

19. Filwaqt li l-Kummissjoni kienet inizjalment ipproponiet sett limitat ta' indikaturi, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu li jikkompletaw l-Anness b'indikaturi aktar dettaljati.
20. Il-koleġiżlaturi qablu li jsaħħu d-dispożizzjonijiet relatati mal-organizzazzjonijiet parteċipanti, b'mod partikolari fir-rigward tat-Tikketta tal-Kwalità tal-KES.
21. Il-koleġiżlaturi qablu wkoll li jsaħħu d-dispożizzjonijiet relatati mal-evalwazzjoni interim tal-Programm u maċ-ċertifikazzjoni b'Siġill ta' Eċċellenza.
22. Diversi dispożizzjonijiet inbidlu wara l-approċċ orizzontali tal-Kunsill għall-fajls kollha relatati mal-QFP. Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari ż-żieda tat-tul ta' żmien tal-programm fl-Artikolu 1, biex ikun konformi mal-perijodu ta' żmien tal-QFP 2021-2027, id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, id-dispożizzjonijiet għal finanzjament kumulattiv u alternattiv u d-dispożizzjonijiet għar-retroattività (il-Programm KES 2021-2027 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021).

IV. KONKLUŻJONI

23. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-qbil ta' kompromess ġenerali li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
 24. Dan il-qbil ta' kompromess huwa kkonfermat bl-ittra mibgħuta mill-President tal-Kumitat CULT tal-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2021 lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti. F'din l-ittra, il-President tal-Kumitat CULT jindika li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment il-pożizzjoni tiegħu lill-Parlament kif miftiehem, hija tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.
-